# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Għargħur

IS-SEBA' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 50

Data tal-laqgħa: 21 ta' Marzu, 2018

*Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar l-Erbgħa, 21 ta' Marzu 2018 fis-6.00p.m.*

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Ġiljan Aquilina |
| Viċi Sindku | Mario Gauci |
| Kunsillieri | Christopher Fenech |
| | Mark Azzopardi |
| Assenti b'Apoloġiji | Carl Grech |
| Ambaxxatur Żagħżugħ | Victoire Muscat |
| Segretarju Eżekuttiv | Maria Tanti |

Il-laqgħa bdiet fis-6.05p.m. billi ntqalet it-talba.

**50/01 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**50/01/01** Is-Segretarju Eżekuttiv qrat l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier Carl Grech. Il-Kunsilliera preżenti aċċettaw l-ittra ta' apoloġija.

**50/02 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 49**

**50/02/01** Ma kienx hemm korrezzjoni fil-Minuti. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-minuti.

**50/02/02** **Para 49/02/02:** Il-Kunsill għadu ma rċeviex risposta mingħand il-Lands fuq il-kamra li applikajna sabiex tiġi devoluta lilna ħalli tintuża bħala librerija u fuq it-Torri tas-Semaforu sabiex ikun jista' jinkera ħalli jintuża għall-esibizzjonijiet.

**50/02/03** **Para 49/02/03:** Fuq ir-*Revised Street Light Program*, is-Sindku spjega li qed jaħdem.

**50/02/04** **Para 49/02/04:** Fuq id-diversi toqob li jridu jsiru mill-ħaddiema tad-dipartiment tax-xogħlijiet, ix-xogħol għadu pendenti. Is-Sindku qal l-importanti li jsiru sal-festa.

**50/02/05** **Para 49/02/05:** Is-Sindku qal li traffiku naqas drastikament minn meta Triq Għaxqet l-Għajn (min-naħa ta' Birguma) saret *one-way* mis-6:00a.m.-9:00a.m. Kien hemm qbil unanimu li ghandu jintalab is-servizz tal-Gwardjani Lokali sabiex naraw li ma jkunx hemm abbuzi.

**50/02/06** **Para 49/02/06:** Is-Segretarju Eżekuttiv għandha tirċievi stima mingħand is-Sur Mario Mallia rigward id-diversi xogħlijiet ta' bankini.

**50/02/07** **Para 49/02/08:** Is-Sindku qal li l-laqgħa mal-Pulizija u l-għaqdiet konċernati rigward l-attività ta' Ħadd il-Palm saret. Is-Sur Mark Azzopardi spjega li dak in-nhar Triq il-Ġnien trid tkun *two-way*.

**50/02/08** **Para 49/02/09:** Fuq l-ilment ta' Sur Douglas Azzopardi rigward bankina perikoluża fi Triq Dun S. Zarb, is-Sindku għandu jiltaqa' ma' resident fuq il-post.

**50/02/09** **Para 49/02/16:** Bħalissa qegħdin fil-proċess biex napplikaw għas-servizz tal-ilma għal Ġnien ta' Żagħruna. Is-Sindku qal li l-ARMS talbuna evidenza li dak il-Ġnien jaqa' taħt ir-responsabbiltà tal-Kunsill Lokali tal-Għargħur. Is-Sur Mario Gauci spjega li nistgħu nuruhom il-kont tad-dawl bħala evidenza. Is-Sur Christopher Fenech qal li jekk ikun hemm bżonn issir laqgħa magħhom. Kien hemm qbil unanimu.

**50/02/10** **Para 49/05/02:** Is-Sindku qal li l-Projects Implementation Directorate għandu jlesti l-bankina l-ġdida ta' quddiem Borg Furniture fi Triq Santa Katerina matul ix-xahar ta' April.

**50/02/11** **Para 49/05/07:** Il-Kunsill għadu qed jistenna risposta mingħand il-Perit Chris Grech rigward il-materjal li ser jintuża għal proġett ta' Triq Għaxqet l-Għajn għal Triq u Ġnien.

**50/02/12** **Para 49/05/13:** Fuq it-talba ta' Sinjura Lourdes Sciberras kif ukoll fuq il-petizzjoni li ġiet ippreżentata quddiem il-Kunsill fejn qed jitolbu permess għal mera fuq pole fi Triq San Ġwann biex jaraw humiex ġejjin karozzi waqt li jkunu ħerġin mill-garaxx. Is-Sindku qal li r-residenti tal-faċċata ma aċċettawx li ssir mera quddiem ir-residenza tagħhom. Għaldaqstant, kien hemm qbil unanimu li bħal ma jsir f'dawn il-każijiet nimxu mal-*policy* tal-Kunsill u nirrispettaw id-deċiżjoni tar-residenti tal-faċċata.

**50/02/13** **Para 49/05/28:** Is-Segretarju Eżekuttiv resqet l-istimi għal xiri ta' *u-bars* dekorattivi fuq iż-żewġ naħat taz-zuntier. Is-Sur Mario Gauci issugerixxi li naraw ma' Heritage Malta jekk għandniex bżonn permess. Ser ikun infurmat il-Kappillan ukoll b'dawn l-izvilluppi. Kien hemm qbil unanimu li nixtru żewġ *u-bars* dekorattivi.

**50/02/14** **Para 49/05/30:** Is-Segretarju Eżekuttiv resqet l-istimi għal xiri ta' camera f'Misraħ il-Knisja ħalli nies ikunu jistgħu jaraw dak kollu li jkun qed iseħħ fil-pjazza tar-raħal permezz tal-*live streaming*. L-irħas stima kienet ta' Skyline Webcams. Kulħadd qabel li ssir wara li nġibu permess mingħand ir-residenta li mar-residenza tagħha ħa teħel il-camera. Barra minn hekk, is-Segretarju Eżekuttiv ħa tiċċekkja kemm ħa jiġi jiswa l-*internet* u l-*power supply*.

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


**50/03** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**50/03/01** Is-Sindku spjega li saret laqgħa mas-Sinjura Cheryl Falzon, Uffiċjal Kap Eżekuttiv tal-Libreriji Pubbliċi minħabba li qed ikun hemm problema biex jiġi proċessat il-paġament tal-kiri tal-post li qed jintuża bħala librerija. Is-Sur Mario Gauci, qal li l-librerija għandha tmur lura l-iskola. Min-naħa l-oħra s-Sur Christopher Fenech qal li għandna nagħmlu kuntatt ma' Sur Jimmy Borg ħalli naraw li jibqa' jkun hawn librerija pubblika fil-Għargħur.

**50/03/02** Is-Sindku qal li saret *clean-up* minn grupp ta' voluntiera fejn minbarra li naddfu, ħawlu wkoll speċi tal-post, kif ukoll 30 siġra tal-Għargħar. Huwa qal li l-PA bhala kundizzjoni marbuta ma' permess mahrug ricenti, l-Kunsill Lokali tal-Gharghur ser ikun qieghed jinghata 100 siġra tal-Għargħar. Il-Kunsill qabel li naċċettaw li l-applikant jghaddilna l-amont fi flus sabiex is-siġar jiġu mħawla ftit ftit.

**50/03/03** Is-Sur Aquilina tkellem li fil-fehma ta' bosta residenti, il-proposta biex jinbena inċineratur fiż-żona tal-Magħtab, hija inkwetanti. Dan minħabba li jiġi wisq viċin il-lokalità tal-Għargħur u għalhekk tista' tkun ta' detriment għas-saħħa tar-residenti. Is-Sur Christopher Fenech qal li għandna nitolbu laqgħa mal-Ministru Dr Jose Herrera. Barra minn hekk is-Sur Mario Gauci qal li għandna noġġezzjonaw peress li skont studju li sar 75% tar-riħ huwa Majjistral u b'hekk il-Gharghur ser ikun affetwat hafna. Zid jgħid li għandna nibżgħu għas-saħħa tar-residenti. Kien hemm qbil unanimu li nitolbu laqgħa urġenti mal-Ministru għall-Ambjent, Żvilupp Sostenibbli u Tibdil fil-Klima, Dr Jose Herrera kif ukoll inġibu avviż fuq il-paġna ta' Facebook tal-Kunsill.

**50/03/04** Is-Sindku ressaq li jitneħħa d-*double yellow line* quddiem l-isqaq ta' fejn kien joqgħod is-Sur Ninu Tanti peress li d-dar tiegħu spiċċat minħabba l-proġett ta' kostruzzjoni li ghaddej. Is-Sur Mario Gauci, talab li ssir *site-visit* ħalli naraw tgħaddix karozza, filkas id-*double yellow line* ikun jista' jitneħħa. Kien hemm qbil unanimu.

**50/03/05** Is-Sindku ressaq li ssir bozza mal-ħajt ta' dar nru 119 fi Triq San Ġwann. Kien hemm qbil unanimu.

**50/04** **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

**50/04/01** Ma kienx hemm.

**50/05** **Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet**

**50/05/01** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mis-Sur Christopher Paul Grima – *Community based parent support programmes.*

**50/05/02** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mis-Sur Christopher Paul Grima – Għaqal id-Dar.

**50/05/03** Il-Kunsill reġa' rċieva korrispondenza mis-Sur Philip Sammut rigward it-talba għal refund ta' €160 peress li allegatament għamel ħsara fir-rim u tyre tal-karozza waqt li kien qed isuq fi Triq Santa Katerina fid-direzzjoni tas-Swieqi nhar it-12 ta' Frar 2018 fis-7:30pm. Il-

Kunsill kien qabel li s-Segretarju Ezekuttiv tistaqsi jekk is-Sur Sammut għamilx rapport mal-Pulizija. Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li s-Sur Sammut mar jagħmel rapport fl-Għassa tan-Naxxar nhar it-12 ta' Marzu 2018 jiġifieri xahar wara l-incident. Il-Kunsill b'mod unanimu qabel li ma hemmx evidenza bizejjed u ghal daqstant ma jistax isir pagament.

**50/05/04** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sur Silvio Scerri rigward l-Applikazzjoni ta' Sur Lawrence Borg għal *Reserved Parking Bay*. L-applikazzjoni ta' Sur Borg ma gietx milqugħa mill-Bord peress li skont iċ-ċertifikat mediku tal-applikant id-disabilità mhix severa ħafna.

**50/05/05** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sur Mario Fava – Cir AKL 2018/022 – Inizjattiva MCCF 2017.

**50/05/06** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sur Ray Abela (TCTC) – *Robotica Nation & Game Coding Training Projects this Summer.*

**50/05/07** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mis-Sur John Paul Scicluna fejn spjega li waqt li kien qed isuq fi Triq il-Madliena madwar 400m kif taqbeż il-pont fid-direzzjoni tal-Għargħur, ġebla kbira waqgħet minn ħajt tas-sejjieħ u ġiet eżatt quddiem il-vettura tiegħu, bil-konsegwenza li faqa' *tyre*. Is-Sur Scicluna kellu jixtri *tyre* ġdid u nefaq €230. Għaldaqstant, hu qed jitlob li l-Kunsill Lokali tal-Għargħur jikkumpensah għad-danni. Il-Kunsill ma laqax din it-talba, peress li l-ħitan tas-sejjieħ mhuwiex proprjetà tal-Kunsill imma ta' sid l-għalqa.

**50/05/08** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mis-Sinjura Marie-Jeanne Borg – Avviżi fil-Gazzetta tal-Gvern 19,957 tas-6.3.2018 – Popolazzjoni stmata għal kull Lokalità 1.1.2015 u 1.1.2016. Il-Popolazzjoni stmata għal Ħal Għargħur fl-1 ta' Jannar 2015 kienet 2,662 filwaqt li fl-1 ta' Jannar 2016 kienet 2,733.

**50/05/09** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sur Fabian Galea – Attn: Proġett taħt il-Programm LIFE+ - Talba għal xi informazzjoni mill-Kumitati Reġjonali u l-Kunsilli Lokali. Id-diviżjoni Gvern Lokali, permezz tal-Uffiċċju responsabbli mill-Affarijiet Ewropej u Internazzjonal, qed taħdem flimkien ma' entitajiet Governattivi oħra fuq proġett li permezz tiegħu jistgħu jinxtraw jew jinkrew vetturi elettriċi jew hybrid. F'dan il-kuntest, dan l-uffiċċju għandu bżonn ikun jaf x'tip ta' vettura għandha bżonn l-Awtorità Lokali.

**50/05/10** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mis-Sur George Abdilla – *Regional Assistance to Councils for Cultural Activities.* Ir-Reġjun Tramuntana ħa jgħati €400 lil kull Kunsill sabiex jippromwovi attivitajiet kulturali li ħa jsiru matul din is-sena.

**50/05/11** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sur Mario Fava – Ċir AKL 2018/029 – Ħaddiema fuq Skemi mal-Kunsilli Lokali. Is-Segretarju Eżekuttiv ħa timla' formola għal kull ħaddiem u tispjega l-irwol ta' dawn il-ħaddiema.

**50/05/12** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mill-Inġ. Mario Sammut – *Wall Lanterns for Għargħur Local Council*. Il-Kunsill ra l-proposta li prepara l-Inġ. Sammut u kien hemm qbil unanimu li qabel nipproċedu naraw kif ġew il-fanali ta' Triq il-Merkanti ġewwa l-Belt Valletta.

Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162
Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626
Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt

**50/05/13** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mis-Sur George Abdilla – Book topics. Ir-Reġjun Tramuntana ħa joħroġ ktieb dwar ir-Reġjun u qed jitlob li kull Kunsill jidentifika nies li jistgħu jiġu intervistati. Ġie deċiż li għandhom jiġu intervistati dawn it-tliet min-nies: is-Sur Mario Sant fuq in-Naħal, is-Sur Isaac Aquilina fuq in-Nar u s-Sur Bertu Camilleri fuq l-iSports.

**50/05/14** Fuq is-suġġerimenti ta' Sinjura Fiorini Lowell sabiex isir tabella "No Stopping" jew *double yellow line* fi Triq il-Ġdida – Kien hemm qbil unanimu li tinxtara tabella "Do Not Obstruct".

**50/05/15** Fuq it-talba biex tinbidel l-*sleeping police* ta' fejn dar nru 88 fi Triq l-Indipendenza - Kien hemm qbil unanimu li tinbidel.

**50/05/16** Fuq is-suġġerimenti ta' Sur Ninu Tanti sabiex isir bank ieħor fi Triq Santa Marija taż-Żellieqa – Il-Kunsill ma laqax din it-talba peress li f'dik it-triq hemm numru ta' bankijiet.

**50/05/17** Fuq is-suġġerimenti ta' Sinjura Jodi Zerafa biex isir tabella "STOP" jew "GIVE WAY" fi Triq Għaxqet l-Għajn k/m Triq Isqof Gargallo - Il-Kunsill ma laqax din it-talba peress li sinjali ta' mal-art diġà qegħdin skont il-liġi.

**50/05/18** Fuq it-talba ta' Sinjura Veronique Agius għal *parking bay* fi Sqaq il-Ħofra - Il-Kunsill ma laqax din it-talba peress li l-wiċċ ta' triq qatt ma sar.

**50/05/19** Fuq it-talba ta' Sur Bertu Borg għal permess biex jinżel Triq Birguma bejn is-6:00am u 9:00am għax għandu għalqa - Il-Kunsill ma laqax din it-talba peress li dik it-triq saret *one-way* u għaldaqstant jista' jinħoloq inċident.

**50/05/20** Is-Segretarju Eżekuttiv talbet li tinxtara *shredder* għal uffiċċju. Kien hemm qbil unanimu li nixtru waħda.

**50/05/21** Is-Sur Christopher Fenech ressaq li jsiru żewġ tabelli li jindikaw l-i*speed limit* fi Triq Ferdinandu. Kien hemm qbil li jsiru.

**50/05/22** Is-Sur Fenech ressaq li neħħu l-*cover* tax-xelter. Kulħadd qabel li ssir.

**50/05/23** Is-Sur Christopher Fenech ressaq li jsiru żewġ tabelli ta' *No Parking* fi Triq F. Zarb. Kien hemm qbil unanimu.

**50/05/24** Is-Sur Fenech ressaq li ssir attività speċjali fl-għeluq il-25 sena ta' Gvern Lokali. Kulħadd qabel li ssir.

**50/06** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati**

**50/06/01** Ma kienx hemm.

**50/07** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162
Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626
Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt

**50/07/01** Is-SE ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti pendenti / imħallsa li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet ġiet ippubblikata l-Agenda. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-pagamenti kollha.

**50/08** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**50/08/01** Il-laqgħa spiċċat fis-07:30p.m. wara li l-*items* fuq l-*Agenda* ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra ssir nhar l-Erbgħa, 18 ta' April 2018 fis-6:00pm.

*(firmati)*

**Ġiljan Aquilina**
**Sindku**

*(firmati)*

**Maria Tanti**
**Segretarju Eżekuttiv**